MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 33/2011/1

**Vivienne Attard**

**vs**

**George Attard**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat li fil-31 ta' Jannar 2012 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, (Ghawdex) ippronunzat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal;*

*Ra l-avviz prezentat fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) illi permezz tieghu l-attrici premettiet illi permezz ta' kuntratt ta'*

*separazzjoni personali l-konvenut intrabat li jhallas lilha s-somma ta' elfejn, tlett mija u tletin ewro (€2,330) pari ghal elf liri Maltin (LM 1000) bhala sehma minn porzjon art imsejha ta' Dun Anglu fil-limiti ta' Wied Sara, Victoria, Ghawdex. L-attrici premettiet ukoll li l-konvenut minkejja li interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti. Talbet ghalhekk li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, tlett mija u tletin ewro (€2,330) flimkien ma' l-imghax relattiv bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011).*

*Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa (1) illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt; (2) illi preliminarjament it-talba hija intempestiva stante li permezz tal-kawza numru 22/2010 li ghadha pendenti bejn il-partijiet quddiem il-Qorti tal-Familja, hemm probabilta li jigi deciz li r-rikorrenti Vivianne Attard tigi ordnata thallas lura l-manteniment li hallasha l-intimat George Attard u ghalhekk dan l-ammont li qed jigi mitlub f'din it-talba jista jigi pacut ma' dak li ser ikun dovut mir-rikorrenti lill-intimat u dan kif taf tajjeb ir-rikorrenti stante li diga giet avzata permezz ta' korrispondenza bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet; (3) illi fit-tieni lok din it-talba ghandha tigi sospiza sakemm tigi degretata l-ittra tal-familja li pprezenta l-intimat li permezz taghha qed jitlob illi l-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet maghmul fl-atti tan-nutar Josette Spiteri Cauchi fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) jigi varjat; (3) illi in oltre l-esponenti mhux f'pozizzjoni li jhallas dan l-ammont mitlub u dan peress illi prezentament huwa jinsab minghajr impjieg u sahhansitra lest li jirrinunzja ghal dan it-trasferiment sabiex ir-rikorrenti zzomm in-nofs indiviz taghha mil-art in kwistjoni.*

*Ra d-dokumenti kollha esebiti b'mod specjali l-kuntratt ta' separazzjoni ta' l-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) esebit Afol. 12 tal-process.*

*Ra l-atti tal-kawza numru tnejn u ghoxrin (22) tas-sena elfejn u ghaxra (2010) pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni*

*Familja li permezz ta' digriet ta' l-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2010) l-atti taghha gew annessi ma' dawk odjerni.*

*Ra id-digriet tieghu ta' l-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.*

*Ikkunsidra;*

*Illi din il-kawza titwieled minn kuntratt ta' separazzjoni illi l-partijiet konjugi Attard kienu lahqu flimkien fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) fl-atti tan-nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi, wara d-debita approvazzjoni mill-Qorti.*

*Illi fil-paragarfu numru hdax (11) ta' dak il-kuntratt fis-sub inciz B ta' l-istess paragrafu l-attrici assenjat sehma minn porzjon art maghrufa bhala Ta' Dun Anglu deskritta ahjar fuq l-imsemmi att versu l-prezz ta' elf liri Maltin (LM 1,000) li kellu jigi mhallas lill-mara fi zmien tlett snin.*

*F'cirkostanzi normali, debitu li jitwieled minn att pubbliku huwa titolu ezekuttiv minnu innifsu. Dan kif jiddisponi l-artikolu 253 (B) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta meta jghid illi fost it-titoli ezekuttivi hemm is-segwenti "Il-kuntratti ricevuti min-nutar pubbliku ta' Malta, jew l-ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevijom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'ezekuzzjoni ta' fatt". Kieku dawn it-tlett rekwiziti kienu sodisfatti ma kienx ikun hemm il-htiega ta' din il-kawza ghaliex id-debitu favur l-attrici kien ikun wiehed awtomatikament ezekuttiv.*

*Izda fil-kaz odjern kien hemm terminu ta' zmien ghall-pagament li jimpedixxi t-titolu ezekuttiv awtomatiku. Kif ritenut fis-sentenza Lombard Bank Malta Plc vs Eurimpex Limited noe et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u erba (2004) biex ikun hemm titolu ezekuttiv mhux bizzejjed illi d-debitu jkun wiehed li jaghlaq ghaliex il-ligi ma titkellimx fuq kuntratt dwar dejn cert, likwidu u li* <u>*jaghlaq*</u> *imma fuq*

*dejn cert, likwidu u li jkun definittivament ghalaq. Ghalhekk kienet korretta l-attrici illi titlob l-intervent gudizzjarju sabiex jigi kkonfermat id-debitu taghha. Izda f'dawn ic-cirkostanzi l-uniku konferma li jrid jaghmel dan it-Tribunal huwa illi t-terminu msemmi fl-att pubbliku verament ikun skada.*

*It-terminu tat-tlett snin beda jiddekorri mil-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) u ghalhekk skada fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009). U kwindi dan it-Tribunal jista jikkonferma illi dan it-terminu ta' zmien illum ghalaq, ghalhekk illum d-debitu huwa dovut.*

*Id-difiza tal-konvenut ghat-talbiet ta' l-attrici tikkampa fuq tlett binarji principali. L-ewwel wiehed huwa l-ammont illi huwa dovut lill-attrici jista jkun xi darba pacut ma' xi ammont li tista l-attrici tigi kkundannata thallas jekk il-konvenut jiddeciedi jiftah xi kawza ghar-rifuzjoni tal-manteniment minnu mhallas pendente lite ghal uliedu. F'din l-eccezzjoni tissemma l-kawza fl-istess ismijiet ghal dawk odjerni bin-numru 22/2010 pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja. It-Tribunal ra l-atti ta' din il-kawza u ma' jista jiffigura l-ebda ness bejn din il-kawza li titratta minn talba ghall-manteniment minhabba r-ragunijiet hemm moghtija u l-kawza odjerna.*

*In oltre jinghad illi din l-eccezzjoni hija ghal kollox wahda frivola. Sabiex topera t-tpacija huwa necessarju illi jkun hemm zewg idjun li jkollhom bhala oggett somma ta' flus u li t-tnejn ikunu likwidi u li jistghu jintalbu (Artikolu 1197 tal-Kodici Civili). Fil-kaz odjern ma' jistax jinghad illi l-konvenut ghandu jiehu xi dejn li hu likwidu u li jista jintalab. Id-dejn li jsemmi l-konvenut jista jirrizulta biss kemm il-darba l-attur jirbah il-kawza li fija martu qed tithallas il-manteniment pendente lite u sussegwentament jintavola kawza ohra b'ezitu favorevoli ghalih, ghar-rifuzjoni ta' dak il-manteniment. Dan huwa hafna l-boghod minn dejn li jista jissejjah dejn likwidu u li jista jintalab. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

*L-eccezzjoni l-ohra hija li l-attur prezenta ittra fejn qed jitlob varjazzjoni f'dak li sar fil-kuntratt ta' separazzjoni. Kopja formali ta' din l-ittra qatt ma giet esebita fl-atti odjerni. L-attur lanqas ikkonferma bil-gurament illi huwa prezenta xi ittra simili. Non est in acti, non est in mundo u dan it-Tribunal ma jistax jikkonsidra din l-ittra galadarba mhix esebita. L-unika prova jekk tista' tissejjah hekk ta' din l-ittra hija kopja informali ta' din l-ittra, mhix datata u mhix innumerata li giet esebita wara r-risposta guramentata u li qeghda a fol. 20 tal-process. Jekk verament dik l-ittra hija kopja ta' dik prezentata kull ma' qieghed jintalab huwa illi jigi estiz it-terminu ghall-pagament jew altrimenti illi l-konvenut jigi awtorizzat jirrinunzja ghal dak illi gie lilu trasferit.*

*F'din l-eccezzjoni l-konvenut qed jitlob li dawn il-proceduri jigu sospizi. It-Tribunal jifhem din l-eccezzjoni bhala talba ghal sopra sessjoni. Soprasessjoni hija rimedju straordinarju (Joseph Gaffarela et vs Mixer Concrete Works Limited et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju 2005).*

*In linea generali huwa pacifiku illi l-provediment tas-sopra sessjoni huwa indikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghal soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi <u>necessarjament</u> il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi sopra seduta ta' din is-soluzzjoni. Tali provediment ordinatorju huwa rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi specjali tal-kaz (Francis Xuereb pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana deciza fl-10 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri).*

*Fil-kaz odjern it-Tribunal ma jidirlux illi talba simili jekk verament giet intavolata tista' taffetwa d-decizjoni fil-mertu tal-kawza odjerna. Sal-lum it-Tribunal ghandu quddiemu att pubbliku validu illi qatt ma gie impunjat u li ghalhekk ghandu jkun onorat. It-Tribunal jinnota wkoll l-ittra informali li giet esebita ghalkemm minghajr data ghandha fuqha indikat ix-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) li juri illi tali ittra giet ippreparata wara l-prezentata ta' dan l-avviz aktarx bl-iskop illi tistalla dawn il-proceduri biex jintrebah iz-zmien. Fic-cirkostanzi t-Tribunal ma*

*jhossx illi ghandu jissoprasjedi stante illi d-determinazzjoni ta' dik it-talba mhix necessarja sabiex tigi determinata dik odjerna. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda wkoll tigi respinta u t-talba ghas-soprasessjoni qed tigi wkoll michuda.*

*L-ahhar eccezzoni tal-konvenut hija illi huwa jinsab minghajr impjieg u mhux f'pozzjoni li jhallas u sahhansitra lest illi jirrinunzja ghal dan it-trasferiment. Jidher illi l-attrici tat zmien bizzejjed lill-konvenut sabiex jara l-pozizzjoni tieghu. Dan peress illi d-debitu dovut lilha sar hekk dovut f'Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009). Minn dakinhar sal-lum il-konvenut seta' sab soluzzjoni u mhux qisu qed jistenna lil dan it-Tribunal jimponi xi soluzzjoni hu.*

*It-Tribunal jinnota illi s-somma ta' elf liri Maltin (LM 1,000) imsemmija fil-kuntratt hija pari ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u mhux ghas-somma imsemmija fl-avviz tat-talba fejn is-somma giet arrotandata.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bl-imghax mill-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011).*

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Attard datat 20 ta' Frar 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenca tat-Tribunal tal-31 ta' Jannar 2012 u tilqa' l-aggravju tar-rikorrent billi tiddikjara illi l-istess Tribunal kellu jissospendi s-smiegh tal-kawza sakemm tigi deciza l-ittra tal-medjazzjoni u l-atti kollha ermanenti mill-istess ittra rigwardanti l-klawzola tal-kuntratt imsemmija fl-avviz inkorporata fil-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni.

Rat ir-risposta tal-appellata Vivienne Attard, datat 12 ta' Marzu 2012, fejn ghar-raguni imsemmija fir-risposta u ohrajn li gew sottomessi waqt is-smigh ta' dan l-appell fejn

eecepiet li din il-Qorti ghandha tichad l-appell ta' George Attard u tikkonferma s-sentenza tat-31 ta' Jannar 2012 bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-21 ta' Marzu 2012 fejn Dr. Angele Formosa deheret ghall-appellant George Attard u Dr. Deborah Mercieca deheret ghall-appellata Vivienne Attard. Dawn trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-2 ta' Lulju 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 7 (2) tal-Att Dwar it-Talbiet Zghar** it-Tribunal kellu jossospendi l-proceduri tieghu ghaliex kien hemm azzjoni pendenti quddiem Qorti ohra li l-ezitu taghha jista' jimpingi fuq il-kawza odjerna u l-fatt li ma gietx esebita' l-ittra ta' medjazzjoni li tat bidu ghall-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati Superjuri (Ghawdex) Sezzjoni Familja ma huwa ta' ebda ostakolu ghal tali soprasessjoni ghaliex it-Tribunal seta' jordna l-allegazzjoni tal-istess atti.

Illi din il-Qorti thoss li l-appell odjern ma ghandu l-ebda bazi legali u dan peress li tali ittra ta' medjazzjoni anke kieku prezentata jew inkella allegata ma' dawn l-atti ma tikkostitwiex azzjoni skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 7 (2) tal-Att dwar it-Talbiet iz-Zghar** u allura certament ma hemm ebda azzjoni skond l-istess dispozizzjoni u certament allura li t-Tribunal kif kien obbligat li jaghmel ghadda sabiex jaghti d-decizjoni tieghu.

Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-Qorti thoss li dak li qed jipprova jaghmel l-appellant huwa biss sabiex jistulifika l-azzjoni attrici u dan meta l-istess appellata ghandha dritt ta' tali ammont li l-appellant obbliga ruhhu li jhallas permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Lulju 2006 u liema ammont kellu jhallsu fi zmien tlett snin mid-data tal-istess kuntratt, allura fis-sena 2009, u ghalhekk l-istess konvenut messu li hallas l-istess ammont kwazi tlett snin ilu u dan

mhux biss ma ghamlux izda allegatament prezenta l-istess ittra proprju sabiex jipprova jistultifika l-proceduri odjerni, u certament dan ma ghandux jithalla jsir u dan anke ghaliex il-proceduri tal-Qorti ghandhom jigu uzati in buona fede u mhux sabiex issir abbuz minnhom.

Illi din il-Qorti thoss li ghal dawn ir-ragunijiet l-appell odjern qed jigi michud ghaliex huwa kompletament bla bazi u wkoll frivolu u vessatorju u ghalhekk ai termini tal-**artikolu 223 (4) tal-Kap. 12** tikkundanna lill-istess appellant ihallas l-ispejjez doppji ghal dan l-appell.

**III. KONKLUZJONI**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellata datata 12 ta' Marzu 2012 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellant George Attard fir-rikors tal-appell tieghu datat 20 ta' Frar 2012 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi "Vivienne Attard vs George Attard" (Avviz Nru. 33/2011/KM) datata 31 ta' Jannar 2012 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant George Attard b'dan li la darba dan l-appell qed jigi ddikjarat frivolu u vesssatorju din il-Qorti tikkundanna lill-appellant ihallas l-ispejjez doppji skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 223 (4) tal-Kap. 12.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------